A.L. 89 ta' l-1993

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ('*STOCK*' U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161) BDIL TA' '*STOCK*'

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Bdil f'Lm1,000,000 6.35% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1998 minn Lm1,000,000 6¼% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1993 (It-Tieni Ħruġ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) (a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi iddikjara li Lm1,000,000 6¼% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1993 li għandu jitħallas lura fit-28 ta' Awissu, 1993, jista' jinbidel fi *stock* reġistrat li joħroġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza l-Ministru awtorizza wkoll li, għall-bdil ta' Lm1,000,000 6¼% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1993 għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) għall-Iżvilupp 1998 bis-6.35% kif ġej:

mod tal-ħruġ ta' l-*istock*.

1. (a) L-i*stock* jiġi maħruġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni f'ammonti li jidħlu eżatt bil-Lm100. Applikazzjonijiet għal-għoti ta' l-i*stock* għal dawk li diġà għandhom 6¼% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1993 jifthu fid-9 ta' fil-għodu it-Tnejn, is-26 ta' Lulju, 1993 u jagħlqu f'nofs in-nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Awissu, 1993.

(b) Applikazzjonijiet mingħand il-pubbliku ġenerali għall-bilanċ li jibqa' mhux mittieħed mill-i*Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 1998 bis-6.35% jintlaqgħu t-Teżor, mid-9 ta' fil-għodu tat-Tnejn is-16 ta' Awissu, 1993, sa nofs in-nhar tal-Ġimgħa, is-27 ta' Awissu, 1993, jew qabel jekk l-i*stock* jittieħed kollu, fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Negozju fil-Borża ta' Malta.

Kap. 345.

2. Issir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitpoġġa fuq il-lista uffiċjali w in-negozju tal-Borża ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta meta dan l-i*Stock* jitħallas kollu.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

3. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*stock* tkun Lm1,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

4. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-28 ta' Frar u fit-28 ta' Awissu ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*stock*. L-ewwel ħlas ta' Lm3.17,5 kull Lm100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn it-28 ta' Awissu, 1993 u s-27 ta' Frar, 1994, għandu jsir fit-28 ta' Frar, 1994.

Fidwa ta' *stock*.

5. L-i*stock* għandu jiġi mifdi b'parità f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1998 u l-31 ta' Diċembru, 1998 (iż-żewġ dati magħdudin), kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta tal-Gvern.